

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Robert Fuchs AG

Konvenuta: Hauptzollamt Lörrach

Dispożittiv

L-Artikolu 555(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2286/2003, tat-18 ta' Diċembru 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-titjiriet li twettqu b'rimunerazzjoni għat-taħriġ ta' bdot ta' elikopter, u fil-elikopter ikun hemm bdot student u għalliem tat-titjir, ma għandhomx jitqiesu bħala li jikkostitwixxu użu kummerċjali ta' mezz ta' trasport, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 155, tal-11.05.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Ítéltábla – l-Ungerija) – Gazdasági Versenyhivatal vs Siemens Aktiengesellschaft Österreich

(Kawża C-102/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Kamp ta' applikazzjoni razione materiae — Azzjoni għall-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament — Arrikkiment indebitu — Kreditu li joriġina mir-rimbors inġustifikat ta' multa għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni)

(2016/C 350/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Ítéltábla

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gazdasági Versenyhivatal

Konvenuta: Siemens Aktiengesellschaft Österreich

Dispożittiv

Azzjoni għall-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament ibbażata fuq l-arrikkiment indebitu, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li toriġina mir-rimbors ta' multa imposta fil-kuntest ta' proċedura fid-dritt tal-kompetizzjoni, ma taqax taħt il-"materji ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali.

⁽¹⁾ ĠU C 171, 26.5.2015.